KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fit-12 ta' Jannar 2012 [1]

Kawża C-591/10

Littlewoods Retail Ltd et
vs
Her Majesty's Commissioners of Revenue and Customs

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division (ir-Renju Unit)]

"Rimbors tal-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE — Interessi — Interessi sempliċi — Interessi komposti — Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri — Prinċipju ta' effettività — Prinċipju ta' ekwivalenza"

I – Introduzzjoni

1. Permezz ta' din id-domanda preliminari tal-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division, il-Qorti tal-Ġustizzja hija adita b'erba' domandi li jirrigwardaw l-obbligu li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni Ewropea li tirrimborsa l-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE. Il-qorti tar-rinviju tixtieq b'mod partikolari tkun taf jekk, u jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, sa liema punt, Stat Membru li jkun ġabar il-VAT bi ksur tal-liġi tal-UE dwar il-VAT ikun meħtieġ, barra li jirrimborsa l-VAT, iħallas ukoll l-interessi fuq is-somma prinċipali.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt nazzjonali*

2. Il-Value Added Tax Act 1994 (il-Liġi dwar il-VAT tal-1994, iktar 'il quddiem il-'VATA 1994') tinkludi dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jirrigwardaw l-amministrazzjoni, il-ġbir u l-infurzar tal-VAT, kif ukoll l-appelli li jistgħu jiġu ppreżentati quddiem qorti speċjalizzata.

3. Jekk persuna taxxabbli tħallas VAT żejda, din tista', skont it-Taqsima 80 tal-VATA 1994, tagħmel talba biex tirkupra l-ammont żejjed li tkun ħallset. Fir-rigward ta' dak li hu rilevanti għall-kawża preżenti, it-Taqsima 80 tal-VATA 1994 tipprovdi dan li ġej:

"Il-kreditu għal, jew ir-rimbors ta', VAT iddikjarata jew imħallsa żejda

(1) Meta persuna —

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

(a) tkun ippreżentat dikjarazzjoni lill-Commissioners tal-VAT tal-UE fir-rigward ta' perijodu bażi partikolari ta' kontabbiltà (irrispettivament mid-data li fiha jkun skada), u

(b) b'dan il-mod, tkun iddikjarat bħala taxxa tal-output ammont li ma kienx dovut bħala taxxa tal-output,

il-Commissioners għandhom l-obbligu li jikkreditaw lil din il-persuna b'dan l-ammont.

[…]

(1B) Meta persuna tkun, fir-rigward ta' perijodu bażi partikolari ta' kontabbiltà (irrispettivament mid-data li fiha jkun skada), ħallset lill-Commissioners ammont ta' VAT li ma kienx VAT dovut lilhom, f'każijiet differenti minn dawk fejn —

(a) ammont li ma kienx dovut bħala taxxa tal-output kien iddikjarat bħala taxxa tal-output, jew

[…]

il-Commissioners għandhom l-obbligu li jirrimborsaw lil din il-persuna b'dan l-ammont hekk imħallas.

(2) Il-Commissioners għandhom jikkreditaw jew jirrimborsaw ammont skont din it-taqsima biss jekk issir talba għal dan il-għan.

(2A) Meta —

(a) wara talba magħmula skont din it-taqsima bis-saħħa tal-paragrafu (1) jew (1A) imsemmija iktar 'il fuq ammont għandu jiġi kkreditat lil persuna, u

(b) wara li jkunu ġew paċuti s-somom kollha dovuti taħt jew bis-saħħa ta' dan l-att, parti minn dan l-ammont jew l-ammont kollu jkun għadu dovut lilha,

il-Commissioners għandhom l-obbligu jħallsu (jew jirrimborsaw) lilha dak li jkun għad fadal minn dan l-ammont.

[…]

(7) Ħlief skont kif ipprovdut f'din it-taqsima, il-Commissioners ma għandhomx l-obbligu li jikkreditaw jew li jirrimborsaw ammont li jkun ġie ddikjarat jew imħallas lilhom bħala VAT li ma kienx VAT dovuta lilhom."

4. Meta talba mressqa taħt it-Taqsima 80 tal-VATA 1994 tintlaqa', il-persuna taxxabbli tista' tkun ukoll intitolata għal interessi fuq is-somma mħallsa żejda, ikkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 78 tal-VATA 1994. Din it-Taqsima 78 tistipula li:

"L-interessi f'ċerti każijiet ta' żball amministrattiv

(1) Meta, minħabba żball magħmul mill-Commissioners, persuna tkun —

(a) iddikjaratilhom ammont bħala taxxa tal-output li ma kienx taxxa tal-output dovut minnha, u minħabba dan, il-Commissioners għandhom, skont it-Taqsima 80(2A), l-obbligu li jħallsu lura (jew jirrimborsaw) ammont lilha, jew

(b) naqqset milli tagħmel talba għall-kreditu skont it-Taqsima 25 għal ammont li għalih kienet intitolata titlob il-kreditu, u li b'konsegwenza ta' dan il-Commissioners għandhom l-obbligu li jirrimborsawha, jew

(c) (f'każ li ma jaqax fl-ambitu tal-paragrafu (a) jew (b) iktar 'il fuq) ħallsithom bħala VAT ammont li ma huwiex dovut bħala VAT u li b'konsegwenza ta' dan il-Commissioners għandhom konsegwentement l-obbligu jirrimborsawha, jew

(d) irċeviet tard mingħand il-Commissioners il-ħlas ta' ammont dovut lilha bħala VAT,

il-Commissioners għandhom, jekk u safejn dawn ma jkunux diġà obbligati jagħmlu hekk skont xi dispożizzjoni oħra, iħallsuha l-interessi fuq dan l-ammont għall-perijodu inkwistjoni, iżda suġġett għad-dispożizzjonijiet segwenti ta' din it-taqsima.

[…]

(3) L-interessi skont din it-taqsima għandhom jitħallsu skont ir-rata applikabbli prevista fit-Taqsima 197 tal-Liġi tal-Finanzi tal-1996 [Finance Act 1996]. […]"

III – Il-fatti u d-domandi preliminari

5. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu jew għadhom imexxu negozju ta' bejgħ bieb bieb permezz ta' katalogu ġewwa r-Renju Unit, fejn il-katalogi jitqassmu u l-prodotti li jidhru fihom jinbiegħu minn grupp ta' persuni magħrufa bħala "aġenti". L-aġenti jirċievu kummissjoni fuq bejgħ magħmul minnhom jew permezz tal-intermedjarju tagħhom (iktar 'il quddiem "xiri permezz ta' terzi"), li setgħu jitħallsu tagħha fi flus kontanti, inaqsuha minn xi xiri li jkunu għamlu, jew jużawha għal xiri fil-futur (b'rata ogħla ta' kummissjoni).

6. Fil-kawża prinċipali, huwa paċifiku li bejn l-1973 u Ottubru tal-2004 il-kummissjonijiet fuq ix-xiri permezz ta' terzi ġew ikklassifikati skorrettament għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-VAT kemm skont id-dritt tal-UE kif ukoll skont id-dritt nazzjonali, u li minħabba dan, fir-rigward ta' ċerti provvisti, l-ammont taxxabbli ġie ffissat żbaljatament ogħla ħafna milli fil-fatt kien, u għalhekk sar ħlas żejjed ta' VAT.

7. Minn Ottubru tal-2004, Her Majesty's Commissioners for Revenue & Customs (iktar 'il quddiem il-"konvenuti fil-kawża prinċipali") irrimborsaw VAT imħallsa żejda għal madwar GBP 204 774 763 lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, skont it-Taqsima 80 tal-VATA 1994. Barra minn hekk, il-konvenuti fil-kawża prinċipali ħallsu interessi sempliċi ta' GBP 268 159 135 skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994.

8. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali qed jitolbu li jitħallsu somom oħra li jammontaw għal madwar GBP 1 biljun fit-total. Fil-fehma tagħhom, din is-somma tirrappreżenta l-vantaġġ li bbenefika minnu r-Renju Unit permezz tal-użu tal-ammonti prinċipali ta' taxxa mħallsa żejda. Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Mejju 2010, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li, skont id-dritt nazzjonali, u mingħajr riferiment għad-dritt tal-UE, din it-talba għandha tiġi miċħuda.

9. Minħabba li l-qorti tar-rinviju għandha d-dubji dwar kemm dan ir-riżultat huwa kompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, hija għamlet id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1. Meta persuna tax[x]abbli tkun ħallset ammont żejjed ta' VAT, li nġabar mill-Istat Membru bi ksur tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-VAT, ir-rimedju pprovdut minn dan l-Istat Membru huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea jekk ir-rimedju inkwistjoni

jikkonsisti (a) fil-ħlas lura [fir-rimbors] tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, u (b) tal-interessi sempliċi fuq dawn l-ammonti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħat-Taqsima 78 tal-[VATA] 1994?

2. Jekk le, id-dritt tal-Unjoni Ewropea jitlob li r-rimedju pprovdut mill-Istat Membru jipprovdi (a) il-ħlas lura [ir-rimbors] tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, u (b) il-ħlas ta' interessi komposti skont il-valur tal-użu tal-ammonti mħallsa żejda lill-Istat Membru u/jew tat-telf tal-valur tal-użu tal-ammont f'idejn il-persuna taxxabbli?

3. Jekk ir-risposta kemm għall-ewwel domanda u għat-tieni domanda hija fin-negattiv, x'għandu jinkludi r-rimedju li d-dritt tal-Unjoni jitlob lill-Istat Membru jipprovdi, minbarra l-ħlas lura [ir-rimbors] tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, fid-dawl tal-valur tal-użu tal-ammont imħallas żejjed u/jew tal-interessi?

4. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fin-negattiv, il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni Ewropea tal-effettività jirrikjedi illi Stat Membru ma japplikax restrizzjonijiet tad-dritt nazzjonali (bħat-Taqsimiet 78 u 80 tal-[VATA] 1994) fil-konfront ta' azzjonijiet jew ta' rimedji li kieku kienu jkunu disponibbli, fin-nuqqas ta' dawn ir-restrizzjonijiet, għall-persuna taxxabbli sabiex issostni d-dritt ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni Ewropea stabbilit fir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel tliet domandi, jew huwa biżżejjed illi l-qorti nazzjonali ma tapplikax dawn ir-restrizzjonijiet fid-dawl biss ta' waħda minn dawn l-azzjonijiet jew rimedji?

   Liema prinċipji oħra għandhom jiggwidaw lill-qorti nazzjonali sabiex tagħti effett lil dan id-dritt ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni Ewropea b'tali mod illi tikkonforma ruħha mal-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta' effettività?

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

10. Id-deċiżjoni tar-rinviju tal-4 ta' Novembru 2010 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2010. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Finlandja u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Ir-rappreżentanti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni pparteċipaw fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2011.

V – L-argumenti tal-partijiet

A – *L-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi preliminari*

11. Fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-risposta għall-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi għandha tkun fis-sens li meta persuna taxxabbli tkun ħallset VAT żejda li tkun inġabret mill-Istat Membru bi ksur tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT, rimedju li jipprovdi biss għar-rimbors tas-somom prinċipali mħallsa żejda u għall-ħlas tal-interessi sempliċi fuq dawn is-somom huwa konformi mad-dritt tal-UE sa fejn dan ir-rimedju jipprovdi restituzzjoni adegwata jew kumpens adegwat għat-telf fir-rigward tal-użu tal-flus, u sa fejn fid-dritt nazzjonali ma jkun disponibbli ebda rimedju ieħor iżjed ġeneruż fir-rigward ta' taxxi oħrajn.

12. Il-Gvernijiet tar-Renju Unit, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika Franċiża u tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jirrispondu għall-ewwel domanda fis-sens li, meta l-VAT tinġabar bi ksur tad-dritt tal-UE, ir-rimedju pprovdut minn Stat Membru li jipprovdi r-rimbors tas-somom prinċipali skont id-dritt nazzjonali hu konsistenti mad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Il-Gvern Finlandiż ukoll jirrispondi għall-ewwel domanda f'dan is-sens u jgħid li għandu jittieħed kont tal-prinċipji ta'

effettività u ta' ekwivalenza. Bl-istess mod, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkontendi li d-dritt tal-Unjoni Ewropea ma jirrikjedix li l-Istati Membri jħallsu l-interessi komposti f'dak li jirrigwarda r-rimbors tal-VAT miġbur bi ksur tad-dritt tal-UE. Konsegwentement, fil-fehma tal-Gvernijiet tar-Renju Unit, tar-Repubblika ta' Ċipru, u tal-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Finlandja, ma hemm ebda bżonn li jiġu risposti t-tieni, it-tielet, u r-raba' domandi.

13. F'dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma tal-fehma li r-rimedju li għandhom jipprovdu l-Istati Membri fir-rigward tar-rimbors tal-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE għandu jikkumpensa għall-vantaġġ li l-Istat Membru jkun ibbenefika minnu permezz tal-użu tas-somma prinċipali li tkun inġabret bi ksur tad-dritt tal-UE. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw jekk, barra r-rimbors tas-somma prinċipali mħallsa żejda, ir-rimedju għandux jipprovdi wkoll għall-ħlas ta' interessi sempliċi, ta' interessi komposti jew ta' xi tip ta' interessi oħra.

B – *Ir-raba' domanda preliminari*

14. Fil-fehma tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun fis-sens li restrizzjoni nazzjonali kuntrarja għad-dritt tal-UE tal-eżekuzzjoni ta' talbiet, bħal dik li tinsab fit-Taqsima 78 u fit-Taqsima 80 tal-VATA 1994, u li tirrigwarda żewġ rimedji nazzjonali differenti, għandha tibqa' inapplikabbli fir-rigward ta' dawn iż-żewġ rimedji meta, skont id-dritt nazzjonali, il-persuna intitolata li tirċievi rimbors ikollha l-għażla bejn iż-żewġ rimedji.

15. Fil-fehma tal-Kummissjoni, ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda. Madankollu, li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li tirrispondi din id-domanda, din għandha tkun fis-sens li t-Taqsima 78 tal-VATA 1994 ikollha tibqa' kollha kemm hija inapplikabbli jekk jirriżulta li din tkun inkompatibbli mad-dritt tal-UE.

VI – Evalwazzjoni ġuridika

A – *L-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi preliminari*

16. Permezz tal-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi preliminari tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment tixtieq tikkjarifika l-mod kif għandhom jitħallsu l-interessi, fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE, lill-persuna responsabbli tħallas il-VAT li tkun intitolata għar-rimbors, fil-każ bħal dak tal-kawża preżenti. Il-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari, tistaqsi jekk. minbarra li jipprovdi għar-rimbors tas-somma prinċipali mħallsa żejda, id-dritt nazzjonali għandux jipprovdi wkoll għall-ħlas ta' interessi "sempliċi" fuq din is-somma (l-ewwel domanda), interessi "komposti" (it-tieni domanda) jew xi interessi oħra li għandhom jiġu ddeterminati b'mod iżjed preċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja (it-tielet domanda).

17. B'interessi "sempliċi" il-qorti tar-rinviju tifhem il-ħlas ta' interessi mingħajr il-kapitalizzazzjoni tal-pagamenti tal-interessi fir-rigward tal-perijodi ta' kalkolu preċedenti. Min-naħa l-oħra interessi "komposti" ifissru li l-pagamenti tal-interessi fir-rigward tal-perijodi ta' kalkolu preċedenti jiġu kkapitalizzati, bir-riżultat li dawn isiru parti mill-bażi għall-istima għal perijodi ta' kalkolu sussegwenti.

18. Il-punt ta' tluq sabiex tingħata risposta għad-domandi preliminari 1 sa 3 hija l-konstatazzjoni li l-kwistjoni ta' ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE ma kinitx espressament irregolata la mit-Tieni Direttiva dwar il-VAT [2] u lanqas mis-Sitt Direttiva [3].

19. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma għamlu ebda kawża għad-danni abbażi tal-ksur ta' liġi tal-Unjoni Ewropea mir-Renju Unit [4]. Skont il-qorti tar-rinviju, ma huwiex ikkontestat fil-kawża prinċipali li r-rekwiżiti biex tkun tista' issir kawża għad-danni kontra l-Istat skont id-dritt tal-UE ma ġewx issodisfatti. Għalhekk il-kawża prinċipali tikkonċerna kawżi għall-irkupru tal-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE, li ma jistgħux jitqiesu bħala kawżi għad-danni.

20. Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki, ir-risposta għall-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi preliminari għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom, fil-prinċipju, jirrimborsaw it-taxxi miġbura bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-UE [5]. Id-dritt riżultanti li persuna taxxabbli tiġi rrimborsata t-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE huwa l-konsegwenza ta' u komplementari għad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE li jipprojbixxu dawn it-taxxi [6].

21. Biex legalment jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' dawn it-talbiet għar-rimbors li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-persuni għandhom jirrikorru għall-qrati nazzjonali [7].

22. Fin-nuqqas ta' regoli tal-UE rilevanti, huma wkoll l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet proċedurali ddettaljati li jirregolaw it-talbiet għar-rimbors, filwaqt li dejjem josserva l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [8]. Kull Stat Membru għandu jaħtar qrati u tribunali kompetenti u jistabbilixxu l-modalitajiet proċedurali ddettaljati li jirregolaw talbiet għar-rimbors, sakemm dawn il-modalitajiet ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw kawżi simili ta' natura domestika (prinċipju ta' ekwivalenza), u sakemm ma jirrendux prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija lilu mid-dritt tal-UE (prinċipju ta' effettività) [9].

23. Dan id-dover tal-Istati Membri li jistabbilixxu modalitajiet proċedurali li jirregolaw it-talbiet magħmula minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, u s-setgħa diskrezzjonali li l-Istati Membri jgawdu minn dan huma tradizzjonalment inklużi fl-espressjoni "awtonomija proċedurali tal-Istati Membri". Madankollu, din l-espressjoni tikkawża kemmxejn konfużjoni u impreċiżjoni. Filwaqt li l-espressjoni "awtonomija" tidher li tindika li l-Istati Membri għandhom setgħa assoluta ta' diskrezzjoni meta jkunu qed jistabbilixxu r-regoli proċedurali, skont

2 — It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u modalitajiet ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 71, p. 1303).

3 — Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

4 — Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt tal-Unjoni ma tipprekludix li kawża għad-danni bbażata fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea tista' tiġi eżerċitata parallellament ma' kawża għall-irkupru ta' pagament mhux dovut; ara s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, Danfoss u Sauer-Danfoss (C-94/10, Ġabra p. I-9963) , punt 32).

5 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2011, Accor (C-310/09, Ġabra p. I-8115) punt 71); tat-2 ta' Ottubru 2003, Weber's Wine World *et* (C-147/01, Ġabra I-11365, punt 93); u tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, Ġabra I-1727, punt 84).

6 — Ara s-sentenzi Danfoss u Sauer-Danfoss (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 20); tas-6 ta' Settembru 2011, Lady & Kid *et* (C-398/09, Ġabra p. I-7375, punt 17); tat-28 ta' Jannar 2010, Direct Parcel Distribution Belgium (C-264/08, Ġabra I-731, punt 45); tal-14 ta' Jannar 1997, Comateb *et* (C-192/95 sa C-218/95, Ġabra I-165, punt 20); u tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio (199/82, Ġabra 3595 punt 12).

7 — It-TFUE tagħti lill-individwi d-dritt ta' rikors dirett lill-Qorti tal-Ġustizzja biss fil-każ ta' proċeduri speċifiċi ħafna, pereżempju d-dritt ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jibdew proċeduri skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, l-Artikolu 268 TFUE jew l-Artikolu 270 TFUE. Ara wkoll fuq dan il-punt Basedow, J., "Der Europäische Gerichtshof und das Privatrecht", *Archiv für die civilistische Praxis*, Vol. 210 (2010), p. 157, punti 192 *et seq*, li jqis il-fatt li l-atturi privati ma jistgħux iressqu t-tilwim tagħhom, li jkun jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, quddiem qorti tal-Unjoni Ewropea bħala inkonsistenza inaċċettabbli bejn id-dritt proċedurali tal-UE u d-dritt sostantiv.

8 — Ara s-sentenzi C-94/10 Danfoss u Sauer-Danfoss (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 24); tas-6 ta' Ottubru 2005, MyTravel (C-291/03 Ġabra I-8477, punt 17); u Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 103).

9 — Ara s-sentenzi Accor (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 79); tat-8 ta' Lulju 2010, Bulicke (C-246/09, Ġabra p. I-7003, punt 25); tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04 Ġabra I-2107, punt 111); u tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, Ġabra I-11753, punt 203).

il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma teżistix tali setgħa ta' diskrezzjoni assoluta bħal din. Fil-fatt, minn naħa, f'dan il-qasam ġurisprudenzjali, il-Qorti tal-Ġustizzja titlaq mill-obbligu għall-Istati Membri, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, li jippermetu mill-perspettiva proċedurali l-eżerċizju tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE [10]. Minn dan isegwi li d-deċiżjoni jekk għandhomx jiġu pprovduti regoli proċedurali li jikkonċernaw l-eżerċizzju ta' drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE ma taqax taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri. It-tieni nett, is-setgħa diskrezzjonali li jgawdu minnha l-Istati Membri meta jkunu qed jistabbilixxu l-proċeduri u l-modalitajiet proċedurali hija limitata mill-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

24. Għalhekk il-kunċett ta' awtonomija proċedurali ma jikkonferixxix awtonomija reali lill-Istati Membri, iżda pjuttost ċerta setgħa diskrezzjonali meta jkunu qed jistabbilixxu l-modalitajiet proċedurali tad-drittjiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, li l-modalitajiet ta' eżerċizzju ġuridiku tagħhom ma humiex iffissati fid-dettall minnu [11]. Barra minn hekk, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-"awtonomija *proċedurali*" tal-Istati Membri ma baqgħetx limitata għall-aspetti proċedurali. Pjuttost, din testendi wkoll, sa ċertu punt, għall-kontenut tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea [12], b'tali mod li l-kunċett ta' awtonomija proċedurali tinkludi ukoll ċerta "awtonomija rimedjali" tal-Istati Membri [13].

25. Għalkemm il-kunċett ta' "awtonomija proċedurali tal-Istati Membri" huwa għalhekk imreċiż f'żewġ rigwardi, madankollu l-kunċett sar magħruf sew u stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [14]. Suġġett għall-preċiżjonijiet magħmula iktar 'il fuq, jien ser inkompli nuża din l-espressjoni iktar 'l isfel.

26. Fil-kuntest tal-ġurisprudenza tagħha li tirrigwarda l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ħadet bosta deċiżjonijiet dwar il-kwistjoni tal-interessi dovuti fuq somom miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE. Madankollu, f'kull sentenza, hija introduċiet sfumaturi differenti li abbażi tagħhom huwa possibbli li ssir distinzjoni bejn żewġ orjentamenti ġurisprudenzjali.

27. F'serje ta' sentenzi minn tal-ewwel — il-biċċa l-kbira antiki — il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-problema dwar il-ħlas tal-interessi fuq somom miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea kienet tikkostitwixxi problema anċillari li għandha tiġi rregolata mill-qrati nazzjonali. F'dan il-kuntest, huma l-Istati Membri li għandhom b'mod partikolari jirregolaw il-kwistjoni tal-ħlas tal-interessi, inkluż

10 — Ara wkoll f'dan ir-rigward is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, Ġabra p. 1989) li hi meqjusa bħala s-sentenza ewlenija fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. F'din is-sentenza li kienet tittratta l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta' termini, previsti mid-dritt nazzjonali li fihom jistgħu jiġu legalment infurzati drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja assoċjat il-kunċett ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, issa stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE. B'mod partikolari, minn dan il-kunċett hija ddeduċiet li huma l-qrati nazzjonali li huma fdati biex jiżguraw il-ħarsien ġuridiku li ċ-ċittadini jiksbu mill-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. L-għan ta' dan id-dover tal-Istati Membri huwa li jiġi żgurat l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u hu konness mill-qrib mal-prinċipju ta' ħarsien ġuridiku effettiv u d-dritt fundamentali ta' rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. F'dak li jirrigwarda l-konnessjoni bejn id-doveri tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 TUE, il-garanzija tal-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' ħarsien ġuridiku effettiv u d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ara s-sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, Ġabra I-2483, punt 41 *et seq*).

11 — Ara, C.N. Kakouris, "Do the Member States possess judicial procedural 'autonomy'?", C.M.L.Rev. 1997, p. 1389 *et seq*. Ara ukoll W. Van Gerven, "Of Rights, Remedies and Procedures", C.M.L.Rev. 2000, p. 501, 502, li fost affarijiet oħra jipproponi li l-espressjoni "awtonomija proċedurali" tiġi ssostitwita bl-espressjoni "kompetenza proċedurali" tal-Istati Membri. Ara ukoll J. Delicostopoulos, "Towards European Procedural Primacy in National Legal Systems", ELJ 2003, p. 599 *et seq*, li f'dan ir-rigward hu favur li jiġu kkombinati l-kompetenza proċedurali nazzjonali u s-supremazija tad-dritt proċedurali tal-UE.

12 — Ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, Ġabra I-6057, punt 90 *et seq*), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet, *inter alia*, għall-prinċipju ta' awtonomija proċedurali sabiex tirriżolvi l-kwistjoni dwar liema miżuri u sanzjonijiet għandhom jipprovdu għalihom l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jirregolaw il-ksur ta' drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea li kienu qed jiġu ttrattati f'dik il-kawża. Ara ukoll is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2006, Marrosu u Sardino (C-53/04, Ġabra p. I-7213, punt 50 *et seq*), u Vassallo (C-180/04, Ġabra p. I-7251, punt 35 *et seq*).

13 — Ara V. Trstenjak / E. Beysen, "European Consumer Protection Law: Curia semper dabit remedium?", C.M.L.Rev. 2011, p. 104 *et seq*.

14 — Fuq ir-rwol tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri fis-sistema tad-dritt tal-proċedura ċivili Ewropea, ara G. Wagner, f'Stein/Jonas, *Kommentar zur Zivilprozessordnung*, Edizzjoni 22, Tübingen 2011, "Einleitung vor Art. 1", punti 68 *et seq*.

id-data li minnha dawn għandhom jiġu kkalkolati, kif ukoll il-kwistjoni tar-rata tal-interessi. Huwa f'dan is-sens li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenzi Roquette Frères vs Commission [15] u Express Dairy Foods [16]. Dan l-orjentament ġurisprudenzjali ġie kkonfermat, fost oħrajn, mis-sentenza Ansaldo Energia [17] u mis-sentenza N [18].

28. Min-naħa l-oħra f'serje oħra ta' sentenzi — il-biċċa l-kbira tagħhom iżjed reċenti —, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-persuna taxxabbli għandha d-dritt li titħallas l-interessi fuq it-taxxi imposti bi ksur tad-dritt tal-UE. Dan l-orjentament ġurisprudenzjali ġie introdott bis-sentenza Metallgesellschaft *et* [19] li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tittratta każ ta' ħlas bil-quddiem ta' taxxa bi ksur tad-dritt tal-UE. F'din is-sentenza, l-ewwel nett il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza preċedenti li tipprovdi li huwa d-dritt nazzjonali li għandu jirregola l-kwistjonijiet anċillari kollha relatati mal-irkupru ta' taxxi indebitament miġbura, bħalma huwa l-ħlas eventwali tal-interessi, inkluż ir-rata tal-interessi u d-data li minnha għandhom jiġu kkalkolati [20]. Iżda, hija madankollu ppreċiżat sussegwentement li, fil-każ ta' ħlas qabel iż-żmien ta' taxxi bi ksur tad-dritt tal-UE, l-interessi neċessarji għandhom jitħallsu skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, hija sostniet b'mod partikolari li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li tipprekludi l-ħlas qabel iż-żmien ta' taxxi tagħti lill-persuna taxxabbli d-dritt li tikseb l-interessi akkumulati fuq it-taxxa mħallsa bil-quddiem fir-rigward tal-perijodu ta' bejn il-ħlas bil-quddiem, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, u d-data tal-ħlas, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, ta' dan il-ħlas [21].

29. Dan l-orjentament ġurisprudenzjali l-ġdid ġie kkonfermat fis-sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation [22] u Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation [23]. Barra minn hekk, minn dawn iż-żewġ sentenzi jirriżulta b'mod ċar li l-argumenti żviluppati fis-sentenza Metallgesellschaft *et* fir-rigward ta' ħlasijiet bil-quddiem ta' taxxi bi ksur tad-dritt tal-UE jistgħu jiġu applikati wkoll fil-każijiet fejn l-impożizzjoni tat-taxxa kollha kemm hi kienet kontra d-dritt tal-UE. Dan huwa wkoll loġiku. Fil-fatt, sabiex timmotiva d-dritt li jinkisbu interessi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni minħabba l-ħlas qabel iż-żmien tat-taxxa, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi fuq l-konstatazzjoni li, minħabba li kien hemm nuqqas ta' flus disponibbli wara l-ħlas qabel iż-żmien tat-taxxa, il-persuna taxxabbli sofriet telf li għandu jiġi kkunsidrat bħala ammont miżmum mill-Istat Membru jew imħallas lilha bi ksur tad-dritt tal-UE [24]. Minħabba li l-impożizzjoni ta' taxxi bi ksur tad-dritt tal-UE twassal ukoll għal indisponibbiltà ta' somom ta' flus imħallsa sad-data li dawn jiġu rrimborsati, ma hemm ebda raġuni li ssir distinzjoni bejn id-dritt tal-persuna taxxabbli li jirriżulta mid-dritt tal-UE li tikseb interessi fil-kuntest ta' ħlasijiet qabel iż-żmien li huma kuntrarji għad-dritt tal-UE, u dan l-istess dritt bħal fil-kuntest ta' ħlasijiet, essenzjalment, kuntrarji għad-dritt tal-UE.

30. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li skont il-ġurisprudenza l-iktar reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri li kienu imponew taxxi bi ksur tad-dritt tal-UE għandhom, fil-prinċipju, kemm jirrimborsaw it-taxxi imposti bi ksur tad-dritt tal-UE, kif ukoll iħallsu l-interessi bħala kumpens għall-fatt li s-somom imħallsa ma kinux baqgħu disponibbli. Għalhekk, il-persuna taxxabbli tgawdi minn dritt għall-irkupru tat-taxxi kif minn dritt għall-ħlas tal-interessi. Dawn id-drittijiet tal-persuna taxxabbli huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE li jipprojbixxu t-taxxi imposti inkwistjoni.

15 — Sentenza tal-21 ta' Mejju 1976, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni (26/74, Ġabra p. 677, punt 11 *et seq*).

16 — Sentenza tat-12 ta' Ġunju 1980, Express Dairy Foods (130/79, Ġabra p. 1887, punti 16 *et seq*).

17 — Sentenza tal-15 ta' Settembru 1998, Ansaldo Energia *et* (C-279/96, C-280/96 u C-281/96, Ġabra p. I-5025, punt 28).

18 — Sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, N (C-470/04, Ġabra p. I-7409, punt 60).

19 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727).

20 — *Ibidem*, punt 86.

21 — *Ibidem*, punti 87 u 89.

22 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 202.*et seq*.

23 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 112.

24 — Ara s-sentenza Test Claimants in the FII (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 205).

31. Skont il-ġurisprudenza dwar l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, huma dawn tal-aħħar li għandhom jiddefinixxu l-kontenut tad-dritt li jinkisbu interessi li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni kif ukoll li jistabbilixxu modalitajiet proċedurali tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom, filwaqt li josservaw il-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, jiddeterminaw il-metodi tal-ħlas tal-interessi, inkluż li jiddeċiedu jekk għandux jintervjeni fil-kuntest ta' sistema ta' "interessi sempliċi" jew inkella f'dak ta' sistema ta' "interessi komposti".

32. Mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li r-Renju Unit osserva l-obbligu tiegħu, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, li jagħti lill-persuna taxxabbli għall-VAT li tkun intitolata għal rimbors tagħha d-dritt għall-ħlas ta' interessi. Min-naħa l-oħra, huwa kkonstestat il-punt dwar jekk, meta stabbilixxa l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' dan id-dritt, ir-Renju Unit kisirx il-prinċipju ta' effettività jew il-prinċipju ta' ekwivalenza billi ta biss interessi sempliċi fuq is-somma prinċipali.

33. Fil-fehma tiegħi, il-prinċipju ta' effettività ġie osservat.

34. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' effettività jipprojbixxi lil Stat Membru milli jrendi prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet ikkonferiti mill-ordinament ġuridiku tal-UE [25]. Fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' dritt għall-ħlas ta' interessi li jirriżulta mid-dritt tal-UE, ma jkunx hemm ksur tal-prinċipju ta' effettività ħlief meta l-interessi jkunu tant baxxi li, f'dak li jirrigwarda s-sustanza, dan id-dritt jiġi kompromess b'mod serju.

35. F'dan ir-rigward, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li r-Renju Unit ħallas l-interessi skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 fuq il-VAT miġbura, bi ksur tad-dritt tal-UE, mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

36. L-interessi mħallsa skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 huma kkalkolati b'riferiment għat-Taqsima 197 tal-Finance Act 1996 (Liġi tal-Finanzi tal-1996) u tal-Air Passenger Duty and Other Indirect Taxes (Interest Rate) Regulations 1998 [Regolament tal-1998 dwar it-taxxa tal-passiġġieri tal-ajru u taxxi oħra indiretti (rata tal-interessi)]. L-effett ġenerali ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li, mill-1998, għall-iskopijiet tat-Taqsima 78, ir-rati jiġu ffissati skont metodu li jirreferi għar-rati ta' self bażi medji ta' sitt clearing banks; din ir-rata tissejjaħ ir-"rata ta' referenza". Fir-rigward tal-perijodi ta' bejn l-1973 u 1988, ir-rati jinsabu speċifikati fit-Tabella 7 tar-Regolament tal-1988. Ir-rata tal-interessi applikabbli skont it-Taqsima 78 hija r-rata ta' referenza mnaqqsa b' 1 %. It-Taqsima 78 tiddefinixxi l-"perijodu applikabbli" li fir-rigward tiegħu huma dovuti interessi. Fil-kawża prinċipali, dan il-perijodu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-Commissioners ikunu rċivew il-ħlas żejjed u jintemm fid-data li fiha l-Commissioners jawtorizzaw il-ħlas tal-ammont li fuqu huma dovuti l-interessi.

37. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Renju Unit irrimborsa lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali l-VAT miġbura matul il-perijodu ta' bejn 1973 u 2004 bi ksur tad-dritt tal-UE, li kien jammonta għal madwar GBP 204 774 763, flimkien mal-interessi sempliċi li ammontaw għal GBP 268 159 135. Għalhekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tħallsu l-interessi sempliċi skont t-Taqsima 78 tal-VATA 1994, li tipprovdi li l-ammont tal-interessi dovuti tul perijodu ta' madwar 30 sena (GBP 268 159 135) jeċċedu s-somma prinċipali (GBP 204 774 763) b'iżjed minn 25%. Fil-fehma tiegħi, il-modalitajiet ta' ħlas tal-interessi skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 jikkonforma sew mal-prinċipju ta' effettività.

38. Min-naħa l-oħra ma huwiex faċli li tingħata risposta għad-domanda dwar jekk, fil-każ bħala dak inkwistjoni f'din il-kawża, il-ħlas ta' interessi sempliċi skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 jikkonformawx mal-prinċipju ta' ekwivalenza.

25 — Ara s-sentenza Accor (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 79), u tat-30 ta' Ġunju 2011, Meilicke *et* (C-262/09, Ġabra p. I-5669, punt 55)

39. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ekwivalenza jirrikjedi li r-regoli kollha applikabbli fil-każ tal-proċeduri ġudizzjarji japplikaw ukoll mingħajr distinzjoni għal dawk il-proċeduri ġudizzjarji li jallegaw ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u għal proċeduri ġudizzjarji simili li jallegaw ksur tad-dritt nazzjonali [26]. Għall-iskopijiet tal-kawża preżenti, dan ifisser li l-modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt għall-ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk tad-drittijiet simili għall-ħlas ta' interessi li jirriżultaw minn ksur ta' liġi nazzjonali (iktar 'il quddiem id-"drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi"). F'dan ir-rigward, is-similitudni tad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi ta' paragun tirrikjedi li, fid-dawl tal-għan u tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom, dawn id-drittijiet jistgħu jitqiesu bħala simili [27].

40. Sabiex tingħata risposta għad-domanda dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-qorti tar-rinviju, li hija biss għandha konoxxenza diretta tal-modalitajiet tal-ħlas ta' interessi fil-kuntest ta' kawża għal ħlas lura kontra l-Istat, għandha għalhekk teżamina jekk il-modalitajiet li, skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994, japplikaw għall-ħlas ta' interessi fuq VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jikkorrispondux ma' dawk li japplikaw fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' drittijiet simili ta' natura interna għall-ħlas ta' interessi.

41. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-partijiet f'din il-kawża jiddefinixxu b'mod differenti l-grupp ta' drittjiet simili ta' natura interna għall-ħlas ta' interessi.

42. Fil-fehma tal-Kummissjoni, fil-kuntest tal-eżami tal-prinċipju ta' ekwivalenza, għandu jsir paragun bejn l-interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE u dawk dovuti fil-każ ta' ġbir illegali ta' taxxi oħrajn. Skont dan l-approċċ, għandhom jiġu pparagunati għalhekk l-interessi dovuti fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE ma' dawk dovuti skont id-dritt nazzjonali fil-każ ta' ġbir illegali ta' taxxi diretti jew indiretti li ma humiex VAT.

43. Min-naħa tiegħu, il-Gvern tar-Renju Unit isostni li l-interessi dovuti fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE jistgħu jiġu pparagunati biss mal-interessi dovuti fil-każ ta' ġbir illegali ta' taxxi indiretti u mhux mal-interessi dovuti fil-każ ta' ġbir illegali ta' taxxi diretti.

44. Min-naħa l-oħra, fil-fehma tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi [28], fil-każ bħal dak tal-kawża preżenti, il-prinċipju ta' ekwivalenza jeħtieġ li t-talbiet għar-rimbors tal-VAT indebitament miġbura għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod li jiġi ttrattat rikors ta' natura nazzjonali għall-irkupru ta' taxxi jew ta' tariffi simili. Skont dan l-approċċ, jeħtieġ l-ewwel nett li jiġi ddeterminat liema taxxi u liema ħlasijiet jistgħu jiġu pparagunati mal-VAT. Sussegwentement, jeħtieġ li jiġu pparagunati l-modalitajiet ta' ħlas ta' interessi fil-każ ta' ġbir illegali ta' tali taxxi u ħlasijiet ma dawk eżistenti fil-qasam tal-VAT.

45. F'dan ir-rigward il-Gvern Franċiż [29] jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li modalità nazzjonali ta' rimbors josserva l-prinċipju ta' ekwivalenza peress li huwa japplika mingħajr distinzjoni għar-rikorsi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u għal dawk ibbażati fuq il-ksur tad-dritt nazzjonali, għal dak li jikkonċerna l-istess tip ta' taxxa.

46. Dawn l-osservazzjonijiet differenti tal-Kummissjoni, tal-Gvern tar-Renju Unit u tal-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u ta' Franza juru ċar li, fil-każ bħal dak tal-kawża prinċipali, jista' jkun diffiċli ħafna li jiġu ddeterminati b'mod konkret id-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi.

26 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' April 2010, Barth (C-542/08, Ġabra, p. I-3189, punt 19); tas-26 ta' Jannar 2010, Transportes Urbanos y Servicios Generales (C-118/08, Ġabra p. I-635, punt 33); u tad-19 ta' Settembru 2006, i-21 Germany u Arcor (C-392/04 u C-422/04, Ġabra p. I-8559, punt 62).

27 — Ara s-sentenzi Transportes Urbanos y Servicios Generales (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 35); Bulicke (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 28); u tas-16 ta' Mejju 2000, Preston *et* (C-78/98, Ġabra p. I-3201, punt 49).

28 — Ara l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, punt 21.

29 — Ara l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Franċiż, punt 55.

47. Biex tidentifika drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi, il-qorti tar-rinviju għandha titlaq minn elementi essenzjali tad-dritt għall-ħlas ta' interessi fuq VAT miġbura illegalment li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, id-drittijiet li jinkisbu interessi fuq taxxi indiretti miġbura bi ksur tad-dritt nazzjonali huma simili. Min-naħa l-oħra, ma tistax tingħata risposta *in abstracto* għad-domanda dwar jekk, fil-każ bħal dak ta' din il-kawża, id-drittijiet għall-ħlas ta' interessi fuq ħlasijiet jew taxxi diretti miġbura bi ksur tad-dritt nazzjonali jistgħux ukoll jitqiesu bħala drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi [30]. Sa fejn din il-kwistjoni titqajjem *de facto* fil-kawża prinċipali fil-kuntest tal-eżami tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-qorti tar-rinviju jkollha tagħmel domanda preliminari motivata ġdida biex tkun tista' tiġi kkjarifikata aħjar is-similitudni tad-drittijiet rilevanti ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi.

48. Fil-każ li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-qorti tar-rinviju jkollha finalment tasal għall-konklużjoni li jeżistu diversi drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi li l-modalitajiet tagħhom huma differenti, ma jfissirx madankollu li jkun hemm ksur tal-prinċipju ta' ekwivalenza minħabba l-fatt biss li l-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE ma jkollhix interessi fuqha skont il-modalitajiet l-iktar vantaġġużi li japplikaw għal dritt jew drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ekwivalenza ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeħtieġ li l-Istati Membri jestendu s-sistema nazzjonali tagħha l-iżjed regoli favorevoli tagħhom għall-azzjonijiet kollha ppreżentati f'ċertu qasam tal-liġi [31].

49. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi għandha tkun fis-sens li, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-persuna taxxabbli li tkun ħallset ammont żejjed ta' VAT, miġbura mill-Istat Membru bi ksur tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-VAT tal-UE, għandha dritt li tiġi rrimborsata l-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE kif ukoll id-dritt li titħallas l-interessi fuq is-somma prinċipali. Id-domanda dwar jekk is-somma prinċipali għandhiex ikollha interessi fuqha skont sistema ta' "interessi sempliċi" jew pjuttost skont sistema ta' "interessi komposti" tikkonċerna l-modalità ta' eżerċizzju tad-dritt li jinkisbu interessi li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni Ewropea li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri skont il-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

B – *Ir-raba' domanda preliminari*

50. Permezz tar-raba' domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tikkjarifika x'tip ta' proċedura għandha tiġi adottata skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea jekk il-ħlas tal-interessi sempliċi, skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 fuq il-VAT imħallsa żejda matul il-perijodu ta' bejn 1973 u 2004 ma jissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-UE.

51. Kif diġà għidt, il-ħlas ta' interessi sempliċi skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 fuq VAT imħallsa żejda għall-perijodu 1973 u 2004 jissodisfa sew il-prinċipju ta' effettività. Madankollu, dan ma jfissirx li r-raba' domanda preliminari għandha tiġi kkunsidrata irrilevanti. Fil-fatt, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju fuq l-oriġini tar-raba' domanda jirriżulta li minkejja r-riferiment espress għall-prinċipju ta' effettività, dan jirrigwarda essenzjalment fuq l-effett tal-prinċipju ta' ekwivalenza.

30 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2007, Reemtsma Cigarettenfabriken (C-35/05, Ġabra p. I-2425, punti 43 *et seq*), fejn, fil-kuntest tal-eżami tan-natura paragunabbli tat-taxxi diretti u indiretti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li s-sistema tat-tassazzjoni diretta kollha kemm hi ma hijiex relatata mas-sistema tal-VAT.

31 — Ara s-sentenzi Bulicke (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 27; Transportes Urbanos y Servicios Generales (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 34); tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin (Ġabra p. I-10467, punt 45); u Ansaldo Energia *et* (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 29).

52. Sabiex tiftiehem aħjar ir-raba' domanda preliminari, għandu l-ewwel nett jiġu eżaminati d-diversi azzjonijiet intiżi għall-ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE li qed jiġu ttrattati fil-kawża prinċipali. B'mod partikolari, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, minbarra d-dritt għal interessi sempliċi skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994, qed jiġu ttrattati żewġ azzjonijiet jew modi ta' kumpens tad-dritt nazzjonali, jiġifieri, minn naħa l-"mistake-based claim" u l-"Woolwich claim". Skont il-qorti tar-rinviju, l-applikazzjoni tat-Taqsima 78 tal-VATA 1994 teskludi dawn iż-żewġ azzjonijiet tal-Common Law.

53. Fil-każ li jirriżulta, fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u t-tielet domandi preliminari, li jkun kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni li dawn iż-żewġ azzjonijiet jiġu eskludi minħabba l-applikazzjoni tat-Taqsima 78 tal-VATA 1994, il-qorti tar-rinviju tħalli x'jinftiehem li soluzzjoni konformi mad-dritt tal-UE tista' tintlaħaq billi r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jitħallew jeżerċitaw "Woolwich claim", filwaqt li tibqa' tiġi eskluża l-"mistake-based claim".

54. F'dan il-kuntest, permezz tar-raba' domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tista', fil-każ ta' nuqqas ta' konformità kkonstatata fid-dritt tal-Unjoni tat-Taqsimiet 78 u 80 tal-VATA 1994, in-nuqqas ta' applikazzjoni fir-rigward tal-"Woolwich claim" tar-restrizzjoni li fihom id-dispożizzjonijiet tistax twassal, fil-kawża prinċipali, għall-ħlas ta' interessi skont id-dritt tal-Unjoni, jew inkella jekk din teskludix l-applikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet jew modi ta' kumpens kollha tal-Common Law.

55. Fl-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub u orali, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew [32] li l-azzjonijiet tal-Common Law li huma rilevanti fil-kawża prinċipali huma koperti mill-prinċipju ta' sistema ta' konkomitanza ta' rimedji. Minn dawn isegwi li, meta l-kundizzjonijiet kollha huma ssodisfatti, ir-rikorrent jista' liberament jagħżel li jinvoka liema rimedju jrid. Skont il-Common Law iż-żewġ talbiet (il-"mistake-based claim" u l-"Woolwich claim") li minnhom jistgħu jagħżlu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin. Fil-każ tal-"Woolwich claim", dan it-terminu ta' preskrizzjoni jibda' jiddekorri mid-data li fiha jsir il-ħlas, filwaqt li fil-każ tal-"mistake-based claim" jibda jiddekorri mid-data li fiha r-rikorrent jista' jitlob rimbors wara li jiskopri l-illegalità tal-ħlas li għamel jew li fiha seta', b'attenzjoni raġonevoli, jiskopriha. Minħabba li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jidhrilhom li għamlu t-talbiet tagħhom fi żmien is-sitt snin li bdew jiddekorru mid-data li fiha skoprew l-iżball, għandhom interess partikolari li jinvokaw il-"mistake-based claim" fil-kawża prinċipali.

56. Sabiex tingħata risposta għar-raba' domanda, għandu jittieħed kont tal-prinċipju li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw, skont il-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, il-modalitajiet li jirregolaw il-ħlas tal-interessi fuq taxxi imposti bi ksur tad-dritt tal-UE. F'dan ir-rigward, jien diġà kkonkludejt li l-ħlas ta' interessi sempliċi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE, stabbiliti mir-Renju Unit fit-Taqsima 78 tal-VAT 1994, jissodisfaw il-prinċipju ta' effettività [33].

57. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tirrispondi, skont il-kriterji msemmija iktar 'il fuq [34], għad-domanda dwar jekk dan il-ħlas ta' interessi sempliċi skont it-Taqsima 78 tal-VATA 1994 u r-restrizzjoni marbuta mal-eżerċizzju ta' azzjonijiet ta' Common Law li hija relatata magħhom humiex konformi mal-prinċipju ta' ekwivalenza. Fil-kuntest tar-raba' domanda preliminari, din il-qorti għandha b'mod partikolari tiddetermina jekk persuna taxxabbli li tkun qed titlob il-ħlas lura, flimkien mal-interessi, ta' taxxi jew ħlasijiet simili miġbura bi ksur tad-dritt nazzjonali tistax liberament tagħżel il-bażi li fuqha tagħmel it-talba għall-interessi skont id-dritt komuni, jew skont kif ikun il-każ, skont id-dispożizzjoni statutorja, u allura tistax — jekk il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa jkunu ssodisfatti — tiddeċiedi li tagħżel il-"Woolwich claim", il-"mistake-based claim" jew azzjoni oħra, u b'hekk, tiddetermina l-modalitajiet li bihom għandu jiġi rregolat il-ħlas tal-interessi.

32 — Ara l-osservazzjonijiet bil-miktub, punti 34 *et seq* u punti 112 *et seq*.

33 — Ara l-punti 33 *et seq* tal-konklużjonijiet preżenti.

34 — Ara l-punti 38 *et seq* tal-konklużjonijiet preżenti.

58. Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-modalitajiet tal-ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE huma inqas favorevoli mill-modalitajiet tad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi peress li, bl-għazla tas-sistema tal-azzjonali, il-persuni taxxabbli jistgħu jiddeterminaw it-terminu ta' preskrizzjoni kif ukoll l-elementi l-oħra ta'dawn id-drittijiet simili ta' natura nazzjonali, filwaqt li dan ma huwiex il-każ għal dak li jikkonċerna l-ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu applikati l-modalitajiet l-iktar favorevoli li japplikaw għal dawn id-drittijiet simili ta' natura nazzjonali anki għall-interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u b'hekk tkun qed tippermetti lill-persuna taxxabbli għażla libera tal-azzjoni.

59. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja totali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tkun obbligata, skont il-każ, li teskludi d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jostakolaw il-ħlas tal-interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE skont il-modalitajiet l-iżjed favorevoli li japplikaw għad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi u li tapplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu modalitajiet l-iżjed favorevoli ta' eżerċizzju tad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi għad-drittijieet għall-ħlas ta' interessi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni [35]. Dan l-obbligu jirriżulta direttament mill-effett dirett u ta' supremazija [36] tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li minnhom jirriżulta d-dritt għall-ħlas ta' interessi tal-persuna li għandha tħallas il-VAT u li hi intitolata għar-rimbors.

60. Madankollu, f'dan il-punt għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ekwivalenza ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jirrikjedi lill-Istati Membri jestendu s-sistema nazzjonali tagħhom l-iżjed favorevoli tagħhom għal azzjonijiet simili li jirrigwardaw il-ħlas tal-interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE [37]. Jekk allura jkollu jirriżulta li l-persuni taxxabbli li huma intitolati għar-rimbors jistgħu jiddeterminaw it-terminu ta' preskrizzjoni u l-modalitajiet l-oħra relatati mal-ħlas tal-interessi biss fir-rigward ta' ċerti drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi, filwaqt li dan ma huwiex il-każ fir-rigward ta' drittijiet oħrajn simili ta' natura nazzjonali, l-Istat Membru jista' wkoll ma jippermettix l-għażla libera ta' azzjoni fir-rigward tal-ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE.

61. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda preliminari għandha tkun fis-sens li, jekk il-qorti tar-rinviju jkollha tikkonkludi li l-modalitajiet, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE huma inqas favorevoli minn dawk tad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interess u li għaldaqstant jeżisti minħabba dan ksur tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-qorti tar-rinviju għandha tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-sens li jitħallsu l-interessi fuq VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE skont il-modalitajiet l-iżjed favorevoli li japplikaw għad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi.

VII – Konklużjoni

62. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari skont kif ġej:

1) Skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-persuna taxxabbli li tkun ħallset ammont żejjed ta' VAT, miġbura mill-Istat Membru bi ksur tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-VAT, għandha d-dritt li tiġi rrimborsata tal-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll id-dritt li titħallas l-interessi fuq is-somma prinċipali. Il-kwistjoni dwar jekk l-interessi fuq is-somma prinċipali għandhomx jitħallsu skont sistema ta' "interessi sempliċi" jew pjuttost skont

35 — Ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2005, Leffler (C-443/03, Ġabra p. I-9611, punt 51); tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian (C-233/08, Ġabra p. I-177, punt 61), u tal-15 ta' Lulju 2010, Purrucker (C-256/09, Ġabra p. I-7353 , punt 99).

36 — Ara l-Konklużjonijiet 1/91 tal-14 ta' Diċembru 1991 (Ġabra p. I-6079, punt 21) u 1/09 tat-8 ta' Marzu 2011 (Ġabra p. I-2099, punt 65).

37 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31.

sistema ta' "interessi komposti" tikkonċerna l-modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt li jinkisbu l-interessi li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri skont il-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

2) Jekk il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li modalitajiet, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' ħlas ta' interessi fuq il-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni huma inqas favorevoli minn dawk tad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi u li għalhekk teżisti minħabba dan il-fatt ksur tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-qorti tar-rinviju għandha tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-sens li jitħallsu l-interessi fuq VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-UE skont il-modalitajiet l-iżjed favorevoli li japplikaw għad-drittijiet simili ta' natura nazzjonali għall-ħlas ta' interessi.